MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 49

29 ta' Marzu 2023

Minuti tas-seduta Nru. 49 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 29 ta' Marzu 2023 fl-4:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra M. Abela, R. Bartolo Cutajar, A. Brincat Stellini, li segwew is-seduta b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduti Nru. 48 tal-1 ta' Marzu 2023, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Programm ta' attivitajiet kulturali 2023 (A/5/5/Vol X)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għall-minuta 2.7.2. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-Società Filarmonica La Vittoria mhux ser ikun possibbli tiegħu sehem fit-28 ta' Ġunju 2023 f'Lejlet il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ, peress li ħafna bandisti jkunu impenjati f'Lejlet l-Imnarja.

2.1.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill qabel li l-attività għandha sseħħ nhar il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2023 f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

### 2.2.1. Impjieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 (P/7/1/Vol XVII)

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li Jobplus għaddew it-tieni lista ta' kandidati li ntalbu minn naħa tagħhom sabiex jgħaddu il-*curriculum vitae* tagħhom sal-1 ta' Aprl 2023, filwaqt li ngħata permess sabiex il-Kunsill joħroġ sejħa pubblika, bil-għan li tkun tista' issir sessjoni ta' intervisti waħda.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Xogħlijiet tal-arti fil-beraħ (A/11)**

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.7.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li ser issir laqgħa mal-artista konċernata fit-30 ta' Marzu 2023 sabiex tiġi diskussa magħha l-proposta li saret mill-Kunsill.

2.3.3. Il-Kunsill innuta t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)**

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.8.1. tas-seduta ta' qabel u ppproponiet li għall-ħarġa li jmiss tkun lejn il-Mosta fit-30 ta' Marzu 2023, fejn ser jsiru żjarat lil wirjiet tal-Ġimgħa Imqaddsa.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Kuntratti dwar it-tindif ta' toroq mhux urbani (T/4/6/Vol IV)**

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 9.1. tas-seduta ta' qabel u appellat sabiex il-kuntratturi responsabbli mis-servizz imsemmi ma jaqgħtux il-pjanti li jagħmlu l-fjuri fil-perjodu tar-rebbiegħa, sabiex in-naħal ikollu fejn jirgħa.

2.5.3. Il-Kunsill osserva li s-servizz tal-kuntratturi tal-Kunsill huma limitati għal toroq asfaltati. L-Għaqda tat-Trobbija tan-Naħal kienet appellat sabiex ma jinqatax ħaxix minn mogħdijiet jew toroq mhux asfaltati. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jgħaddi kopja tal-iskeda tat-tindif tal-lokalità mqassma fuq sena sħiħa.

**2.6.1. Kustodja tal-kumpless tal-Irżieżet f'Selmun (P/10/3A)**

2.6.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għall-minuta 6.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-fondi Ewropej li nkisbu sabiex ġew irrestawrati l-binjiet imsemmija kellhom l-għan aħħari li dawn jintużaw bħala ċentru ta' interpretazzjoni.

2.6.3. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa għalqilha l-kuntratt tal-kirja tas-sede rispettiva u jeħieġu post fejn jiltaqgħu u jpoġġu r-*records* u l-għamara.

2.6.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li f'dan l-istadju l-GħKNKM għandhom jitalbu jissottomettu pjan dwar immaniġġjar u l-użu tal-irziezet, u kemm-il darba dan ikun aċċettabbli għall-Kunsill, għandu jiġi allokat razzett wieħed biss, permezz ta' *commodatum*. Huwa qal ukoll li mill-kuntatti li kien hemm s'issa mal-għaqda tal-Mellieħa, irriżulta li hija msieħba fil-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti, filwaqt li prekluża milli tirreġistra bħala għaqda volontarja indipendenti.

2.6.5. Il-Kunsillier J. Gauci ġibed l-attenzjoni li l-allokazzjoni ta' razzett wieħed jista' inaqqas il-potenzjal tal-kumpless kollu.

2.6.6. Il-Kunsillier M. Abela aċċenna għall-fatt li diġa hemm remissa li qed tiġi wtilizzat sabiex jinżammu qtates imsewwija.

2.6.7. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li qabel xejn għandu jiġi stabbilit jekk hemmx xi mpediment legali dwar il-kustodja tal-kumpless kemm dwar il-proċedura li għandha tiġi addottata, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-GħKNK ma hijiex reġistrata bħala għaqda volontarja. Huwa qal li f'dan l-istadju għandu jittieħed parir legali u l-għaqda ma tagħmilx użu mill-irziezet sakemm tiġi ċċarata s-sitwazzjoni.

2.6.8. Wara aktar diskussjoni l-Kunsill qabel li għandu jittieħed parir legali, filwaqt li GħKNKM tista' temporanjament tagħhom użu minn kamra fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex żżomm ir-*records* u l-għamara tagħha.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. PA 2255/18 - Proġett dwar l-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għal-laqgħa li saret mal-fis-7 ta' Diċembru 2022 mal-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima u l-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada is-Sur Neville Young. Is-Sur E. Bartolo staqsa dwar jekk kienx hemm xi rispons wara l-laqgħa msemmija.

3.1.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li hija wkoll xtaqet tagħmel l-istess mistoqsija.

3.1.4. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li fit-3 ta' Frar 2023 kienet intbagħtet ittra lill-Ministru fejn ġiet imtennija l-ħtieġa tal-parkeġġ minħabba l-esiġenzi li qed jaffaċċja ċ-ċentru urban tal-Mellieħa. Huwa qal li ma kien hemm ebda tweġiba għal din l-ittra.

3.1.5. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat korrispondenza lill-ministeru f'dan is-sens.

### 3.2.1. Installazzjoni ta' CCTV fil-Park tal-Familja/Gnien Dun Anton Debono, Triq Ta' Fuq il-Migduma, u Triq Ġorġ Borg Olivier (C/9)

3.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar fejn wasal il-proġett imsemmi. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li dan kien mexa sewwa tant li l-*cameras* kważi ġew installati kollha fuq l-arbli li saru. Qal ukoll li qed isiru kuntatti sabiex tingħata l-provista tal-elettriku u s-servizz tal-internet fi Triq Ġorġ Borg Olivier u jitqiegħed il-*cable* li jgħaqqad l-cameras kollha.

3.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

3.2.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-ħinijiet indikati fuq it-tabelli tal-ħatt u tagħbija qegħdin anke fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar, meta dan isir filgħodu biss.

3.2.5. Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġi verifikat fuq il-post sabiex jiġi stabbilit jekk il-ħinijiet ta' wara nofsinhar humiex indikati fuq it-tabelli kollha li jinsabu fit-toroq ewlenin. Sussegwentament għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta sabiex dawn ikunu jirriflettu l-*policy* tal-istess Awtorità.

### 3.3.1. Asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (T/4/7/Vol III)

3.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar dan is-suġġett.

3.1.2. Is-Sindku D. Vella qal li ntalab appuntament mal-Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma peress li jridu jitbaxxew il-*mains* ewlenin illi herġin mill-ġibjun li hemm fil-Fortizza tas-Salib.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda ta' Xiri Meħtieġ – 24/03/23;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 03/02/23 – 06/03/23;
- Skeda ta' Pagamenti – 25/02/23 -24/03/23;
- Estimi Finanzjarji 2023 – Dokument Finali;
- Rendikont ta' Dħul u Infieq – Villaġġ tal-Milied fil-Mellieħa 2022;
- Minuti tal-Kunsill Reġjonali – 15/02/23;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

## 5.1.1. Introduzzjoni ta' *School Grannies* (S/3/2)

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Marzu 2023, mibgħuta mid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità fejn għarfu li bdew proġett f'Bormla u fix-Xewkija, flimkien mal-kunsill lokali u l-iskejjel primarji rispettivi. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono spjegat li din l-inizjattiva tinvolvijkun hemm ir-reklutaġġ ta' persuni anzjani sabiex jieħdu ħsieb it-tfal ħdejn l-iskejjel waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ. Offrew li kemm-il darba l-Kunsill ikun interessat, huma lesti jiltaqgħu miegħu biex jispjegaw aktar fid-dettal l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva.

5.1.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet illi hija nfurmata li ser ikun hemm rimunerazzjoni ta' €200 fix-xahar għal kull minn jagħti kontribut.

5.1.4. Il-Kunsill qabel għandha tintalab laqgħa sabiex jinkisbu aktar dettalji dwar dan il-proġett.

## 5.2.1. Devoluzzjoni tal-Parkeġġ tal-Għadira (P/5/8/G)

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna għall-interess espress mill-Kunsill sabiex il-parkeġġ tal-Għadira jiġi devolut lill-Kunsill, kif ukoll ġew emendati l-*bye-laws L.S. 363.143 bil-għan* li jipprojbixxu d-dħul tal-*caravans* u *campers*. Minkejja dan, Transport Malta kienet ikkonċediet unilateralment li l-parkeġġ ikun jista' jintuża minn *caravans* u *campers* bejn Settembru u April. Is-Sur C. Debono għarraf li attwalment id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali qed tistaqsi jekk il-Kunsill iridx ikompli l-proċess tad-devoluzzjoni.

5.2.3. Il-Kunsill osserva li minkejja d-dispożizzjonijiet tal-*bye-laws*, Transport Malta unilateralment ikkonċediet li l-parkeġġ jista' jintuża minn *caravans* u *campers* bejn Settembru u April. Dan kien sar permezz ta' tabelli li twaħħlu mill-istess awtorità f'sezzjoni mill-parkeġġ. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill kien tal-fehma li jissosspendi l-applikazzjoni sakemm jibqa' l-konflitt bejn id-dispożizzjonijiet tal-*bye-laws* u l-konċessjoni mposta minn Transport Malta.

## 5.3.1. Sessjonijiet informattivi dwar fatturi soċjali li jiddeterminaw is-saħħa (M/8/Vol VI)

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Marzu 2023, fejn is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika offriet li jsiru sessjonijiet ta' informazzjoni li jindirizzaw id-determinanti soċjali tas-saħħa lill-pubbliku ġenerali. It-Taqsima qed timmira li torganizza ħames sessjonijiet ta' informazzjoni f'lokalitajiet differenti.

5.3.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

## 5.4.1. Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati (F/1/7/Vol VI)

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-ċirkulari SPI/SCI/04/2023 datata 20 ta' Marzu 2023 dwar l-iskema msemmija. Inizjattivi eliġibbli taħt din l-iskema huma:

- Tneħħija ta' oġġetti u irmunkar ta' vetturi abbandunati mit-toroq, speċjalment jekk dawn qed jaħlu spazji ta' parkeġġi;
- Kampanji edukattivi relatati mal-prevenzjoni tal-kriminalità u inċidenti, u proġetti oħra inkluż;
- Proġetti implimentati mal-Pulizija tal-Komunità;
- Riċerka biex jiġu identifikati soluzzjonijiet sabiex titnaqqas il-kriminalità u l-abbużi;
- Installazzjoni ta' sistemi ta' CCTV cameras;

- Mezzi ta' transport għall-Pulizija tal-Komunità bħall-*e-bikes* għal servizz aktar effettiv u ambjent sostenibbli;

- Aġġeġġi u għodda għall-prevenzjoni ta' serq bħal-*purse bells*, *purse strips*, u *card efenders*;

5.4.3. Permezz ta' imejl datat 20 ta' Marzu 2023, il-Pulizija tal-Komunità talbu laqgħa mal-Kunsill sabiex tittieħed din l-opportunità ħalli jissaħħu proġetti li diġà għandhom ippjanati u li huma mmirati lejn iż-żamma tas-sigurtà fil-lokalità. Il-laqgħa ġiet appuntata għall-4 ta' April 2023. Id-data tal-għeluq ta' l-applikazzjonijiet hija t-28 ta' Lulju 2023.

5.4.4. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb mal-Pulizija tal-Komunità sabiex issir applikazzjoni taħt din l-iskema.

**5.5.1. Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (F/1/7/Vol VI)**

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-ċirkulari SPI/SCI/05/2023 datata 20 ta' Marzu 2023 dwar l-iskema msemmija.Spjega li huma eliġibbli dawk il-Kunsilli Lokali li fil-lokalità tagħhom twettaq proġett mill-Gvern Ċentrali mis-sena 2012 'l quddiem. Huwa fakkar li kienet saret applikazzjoni taħt l-iskema SPI/SCI/2/2021 li permezz tagħha kien hemm għotja ta' €38,835, biex issir il-manutenzjoni tal-*d* tal-Park tal-Familja. L-istima tal-proġett hija stmata li tlaħħaq €112,269 u għalhekk ippropona li ssir applikazzjoni taħt l-iskema attwali biex titnaqqas id-differenza bejn iż-żewġ figuri.

5.5.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jiġi stabbilit dwar jekk il-proposta mressqa fil-minuta preċedenti hijiex eliġibbli.

**5.6.1. *Reverse vending machine* fi Triq Ta' Fuq il-Miġduma (K/6/11)**

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal imejl datat 13 ta' Marzu 2023 fejn BCRS għarrfu li l-Mellieħa Hub huwa wieħed mill-iktar li sejrin tajjeb fit-Tramuntana ta' Malta, u għalhekk qed jippjanaw li jżidu il-kapaċità tiegħu permezz ta' magna ġdida mgħammra b'sistema ta' *bulk feed* fejn il-konsumatur ma jkollux għalfejn jiddepożita flixkun, flimkun, u hekk jonqos il-ħin ta' stennija. Biex tiġi nstallata din il-magna biswit dik eżistenti, jeħtieġ li jiġi okkupat il-ġenb ta' fuq tal-parkeġġ kollu u jitmexxew il-kontenituri tal-ħwejjeġ. Il-qisien tagħha huma 10.6 x 2.7 metri.

5.6.3. Il-Kunsill qabel li għandha tiżdied il-kapaċità tar-*reverse vending machines* billi jittieħed il-ġenb ta' fuq kollu tal-parkeġġ. Kien hemm qbil ukoll li jista' jintrebaħ aktar spażju kemm-il darba jitnaqqsu żewġ *domes* għal-plastik, li issa naqas l-użu tagħhom.

**5.7.1. Waqfa bil-muturi klassiċi f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (A/6/3/1/Vol 168)**

5.7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal talba sabiex issir attività f'Misraħ il-Parroċċa fil-21 ta' Mejju 2023 li tinvolvi waqfa ta' bejn 150 u 200 mutur klassiku li ser jitilqu mill-Belt Valletta fit-8:00 am u jaslu l-Mellieħa għall-ħabta tal-10:00am. Peress li attwalment għaddejjin xogħlijiet f'Misraħ il-Parroċċa, it-talba ġiet irrifjutata u l-organizzaturi ndikaw Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II bħala alternattiva.

5.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li t-talba ma tistax tiġi milqugħa minħabba nuqqas ta' spazju fil-misraħ. Bħala alternattiva, ġiet indikata Triq Edward Camilleri, bejn Triq Vincenzo Ciappara u l-parkeġġ ta' quddiem l-iskola. L-attività għandha tkun taħt is-superviżjoni tal-Uffiċjali tal-Komunità.

**5.8.1. Arranġamenti tat-traffiku qrib iċ-*Ċentru għal Kura tat-Tfal* fi Triq Edward Camilleri (T/3/2/Vol XVI)**

5.8.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna li huwa ġie avviċinat minn ġenituri ta' tfal li jattendu ċ-ċentru msemmi dwar in-nuqqas ta' sigurtà li teżisti għal min ikun irid jaqsam Triq Edward Camilleri fil-parti bejn Triq Vincenzo Ciappara u Triq l-Assedju l-Kbir. Huwa fakkar li f'Diċembru 2020, Transport Malta ntalbu jikkonsidraw l-introduzzjoni ta' *pedestrian crossing* bil-*built-outs* qrib il-bieb li jagħti għaċ-ċentru in kwistjoni. Din it-talba kienet ġiet rifjutata fuq il-premessa li diġa jeżistu żewġ *pedestrian crossing* oħra ftit metri bogħod, fl-istess Triq Edward Camilleri u fi Triq Vincenzo Ciappara.

5.8.3. Is-Sur D. Vella kompla jfakkar li l-Kunsill baqa' jinsisti fuq il-ħtieġa ta' *pedestrian crossing* u fit-30 ta' Lulju 2021 saret laqgħa fuq il-post ma' uffiċjali minn Transport Malta u l-Kunsill. Wara li l-uffiċjali ta' Transport Malta raw il-post, xorta waħda baqgħu tal-fehma li m'għandhiex tiżdied *pedestrian crossing* oħra mat-tnejn eżistenti li hemm fl-istess akkwati. L-istess uffiċjali qalu li bl-introduzzjoni ta' *pedestrian crossing* jintilfu mill-inqas żewġ postijiet għall-ipparkjar fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Għaldaqstant kien propost li jiġu riżervati erba' postijiet għall-ipparkjar li jinsabu qrib id-daħla taċ-*childcare centre*, liema faċilità tapplika bejn is-6:30 am u l-5:00 pm, mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Dan l-arranġament ma kienx hemm qbil dwaru da parti tal-Kunsill, għar-raġuni li jkun hemm minn hu kostrett jipparkja f'postijiet lill'hinn minn dawk indikati quddiem iċ-*childcare centre*, fid-domanda kontinwa li teżisti matul il-ġurnata kollha. Tennew ukoll li jeżistu diversi preċedenti f'lokalitajiet oħra, fejn *pedestrian crossings* saru qrib xulxin.

5.8.4. Is-Sindku kompla jgħid li wara rappreżentazzjoni li reġgħet saret ma' Transport Malta, dawn tennew illi hija proċedura normali li fejn ċentri għall-kura tat-tfal / kindergartens jiġu riżervati spazji sabiex jakkomodaw il-vetturi ta' min iġib u jieħu lit-tfal. Intqal ukoll li Transport Malta lesta tikkonċedi li din tkun ta' daqs li jindika l-Kunsill. Aċċennaw ukoll li l-post fil-binja tal-Mellieħa Sports, fejn attwalment jinsab iċ-*childcare centre* u l-*kindergarten* huwa wieħed temporanju sakemm tiġi estiża l-binja tal-iskola. Fid-dawl tal-insistenza minn naħa ta' Transport Malta l-Kunsill qabel li għandhom jiġu riżervati tliet postijiet għall-ipparkjar waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal li jattendu l-*kindergarten*.

5.8.5. Is-Sindku qal li jidher biċ-ċar li l-arranġament indikat minn Transport Malta ma ħalliex ir-riżultati mixtieqa, peress li *double parking* baqa' isir xorta waħda, kif ukoll qed ikun hemm persuni li jaqsmu bit-tfal minn bejn l-istess vetturi. Huwa għalhekk ippropona li terġa' issir talba lill-Transport Malta sabiex jirrevedu l-pożizzjoni tagħhom dwar din il-materja.

5.8.6. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-kwistjoni tal-ipparkjar doppju m'għandhiex tkun il-premessa li fuqha għandha terġa titqajjem it-talba, għaliex bil-*pedestrian crossing* u mingħajrha, xorta waħda jibqa' isir pparkjar doppju, kif isir aktar 'l isfel fl-istess triq fil-preżenza tal-uffiċjali tal-kumunità. L-importanza tal-*pedestrian crossing* hija sabiex il-qsim isir minn post wieħed u mhux minn diversi postijiet.

5.8.7. Il-Kunsillier M. Abela, qal li kemm-il darba ssir *pedestrian crossing*, din tkun viżibbli kemm jista' ikun permezz tad-dwal.

5.8.8. Fid-dawl tad-diskussjoni li tqanqlet, il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta li saret mis-Sindku D. Vella skont il-minuta 5.8.5.

## 5.9.1. Immaniġġjar tal-traffiku fuq il-pont tal-Mistra u fil-Bajja tax-Xemxija
**(T/3/2/Vol XVI)**

5.9.2. Il-Sindku D. Vella għarraf li fid-9 ta' Marzu 2023 saret laqgħa ma' Transport Malta li għaliha kienu preżenti flimkien miegħu l-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo u l-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Attendew ukoll s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ta' San Pawl il-Baħar A. Grima u M. Sammut, rispettivament. Is-Sindku kompla jgħid li fl-istess laqgħa ġew diskussi l-proposti li jinvolvu l-introduzzjoni ta' *traffic lights* fil-ħruġ mit-triq tal-Mistra għat-Telgħa ta' Selmun. It-tieni arranġament propost, jinvolvi l-introduzzjoni ta' *bollards* f'nofs it-triq fil-Bajja tax-Xemxija, u possibilment it-tnaqqis ta' *pelican crossing* waħda fit-Telgħa tax-Xemxija. Mill-istess laqgħa rriżulta li Transport Malta u Infrastructure Malta qed jagħmlu studji dwar il-każ tat-triq tal-Mistra. Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar

intalab jikkomunika l-pożizzjoni tiegħu dwar iż-żewġ proposti qabel dawn ikomplu jiġu kkunsidrata minn Transport Malta.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Xogħlijiet marbuta ma' utilitajiet pubbliċi (W/2/Vol II)

5.10.2. Il-Sindku D. Vella għarraf li fid-29 ta' Marzu 2023 huwa, flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono attendew laqgħa tat-*Traffic Management Committee* fi ħdan Transport Malta, dwar xogħlijiet marbuta mad-distribuzzjoni tan-*new water* fit-triq tal-Miżieb Ix-xogħlijiet jinvolvu wkoll it-triq tal-Imbordin f'San Pawl il-Baħar. Is-Sur D. Vella qal li waqt il-laqgħa tal-kumitat imsemmi r-rappreżentanti tal-Kunsill ġibdu l-attenzjoni li x-xogħlijiet għandhom jiġu sospiżi fil-31 ta' Mejju u jitkomplew wara t-30 ta' Settembru 2023.

5.10.3. Il-Kunsill innota u approva l-pożizzjoni li ġiet addottata.

5.10.4. Is-Sur D. Vella aċċenna wkoll li kkunntattja il-Kap Eżekuttiv ta' Enemalta plc dwar id-dewmien li qed ikun hemm biex tingħalaq trinka li saret fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Qalb Imqaddsa u fi Triq il-Parroċċa. Skont l-informazzjoni li kiseb, id-dewmien kien ikkawżat minħabba ħsara li saret f'diversi servizzi tal-ilma, li kellhom jinbidlu kompletament mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma wara li ħadem il-kuntrattur tal-Enemalta. Kompla jgħid li huwa tkellem ukoll dwar l-inkonvenjenzi u l-ħsara li saret fi Triq l-Armier b'rabta mas-sistema tad-distribuzzjoni tan-*new water* fiż-żona tal-Aħrax.

5.10.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-kummenti li saru fuq il-medja soċjali u quddiem l-Ombudsman, fejn il-Kunsillier G. Micallef attribwixxa l-inkonvenzji li qed jiġu kkawżati lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Hija qalet li bħala kunsillier kien obbligat qabel xejn iqajjem is-suġġett waqt seduta tal-Kunsill. Kompliet tgħid li hija konxja li l-Kunsill għamel l-almu tiegħu mal-kuntratturi u l-entitajiet konċernati dwar l-inkonvenjenzi li qed jiġu kkawżati.

5.10.6. Il-Kunsillier G. Micallef wieġeb li għandu kull dritt li jikkummenta u jagħmel rappreżentazzjonijiet personali fil-midja soċjali u mal-Ombudsman, u lest jerfa' ir-responsabiltà ta' dak li għamel. Dan għamlu għaliex kellu pressjoni mir-residenti, kif ukoll kien konvint li l-entitajiet konċernati ma kinux qed jaġixxu kif suppost. Huwa qal li importanti li din it-tip ta' informazzjoni toħroġ fuq il-medja soċjali tal-Kunsill.

## 5.11.1. Skema (SPI/SCI/02/2023) Libreriji Pubblici (W/2/Vol II)

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-iskema msemmija hawn fuq li tħabbret permezz ta' ċirkulari datata 13 ta' Marzu 2023. Hija kkummentat li fl-aħħar snin sar titjib fil-librerija f'dak li jirrigwarda l-installazzjoni ta' arja kkundizzjonata u bdil tad-dwal kollha.

5.11.3. Il-Kunsillier G. Micallef issuġġerixxa li l-flus jintefqu fuq il-kotba.

5.11.4. Il-Kunsill innota li attwalment mhemmx nuqqasijiet fil-librerija li huma eliġibbli taħt din l-iskema, filwaqt li tiżisti wkoll l-iskema li titnieda minn żmien għal żmien mill-Kunsill Reġjonali.

## 5.12.1. PA 9876/19 & PA 1948/20 – Żvilupp mill-ġdid tal-Mellieħa Bay Hotel (P/5/8/G)

5.12.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fit-23 ta' Marzu 2023 huwa attenda laqgħa preliminari tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar iż-żewġ applikazzjonijiet msemmija, li kienet segwita bi smigħ pubbliku bl-iżviluppaturi preżenti fit-25 ta' Marzu.

5.12.3. Huwa qal li fl-istess laqgħat tenna l-pożizzjoni tal-Kunsill li dwarha kienu saru rappreżentazzjoni bil-kitba. Ġiet ukoll trattata l-possibiltà li t-terrapien jittieħed fil-barriera f'Tat-Tomna. Membri oħra tal-bord esprimew ir-riżervi tagħhom dwar l-għoli tal-blokka tan-nofs peress li dan ser jissupera dak eżistenti. Kien hemm ukoll oġġezzjonijiet dwar il-*landscaping*, kif ukoll fuq il-mod kif ġie ikkalkulat in-numru ta' spazji għall-ipparkjar li

għandhom jiġu pprovduti fil-konfini tal-iżvilupp propost. Sabiex jiġu ndirizzati dawn il-fatturi, ingħata differiment sabiex isir tibdil fil-pjanti skont l-oġġezzjonijiet li tqajmu.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. President tal-Kunsill Skolastiku (S/3/3)

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat b'effett mill-1 ta' Marzu 2023 il-Viċi Sindku J. Buttigieg ġie maħtur fil-kariga msemmija mill-Ministru tal-Edukazzjoni l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Hija ferħet lis-Sur J. Buttigieg, kif ukoll awguratlu ħidma ta' fejda.

5.13.3. Il-Kunsill ingħaqad mas-sentimenti espressi mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini.

## 5.14.1. Mixja Penitenzjali mill-Mellieħa sa l-Isla (S/6/Vol IV)

5.14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-attività annwali msemmija, li ser issir b'riżq il-fond Puttinu Cares fil-lejl bejn is-6 u s-7 ta' Marzu 2023. Did-darba ser tibda minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa, tgħaddi minn Triq Ġorġ Borg Olivier, u Triq il-Kbira. Hija pproponiet li jitpoġġew *mobile toilets* fi Triq Ġorġ Borg Olivier u fix-Xemxija, filwaqt li titħalla miftuħa l-latrina pubblika ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

5.14.3. Il-Kunsill laqa' il-proposti mressqa.

## 5.15.1. Tabelli bil-ħinijiet tal-Iskola Primarja (T/3/2/Vol XVI)

5.15.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna li m'għadux isir dħul u ħruġ tat-tfal minn Triq il-Mitħna l-Ġdida u minn naħa tal-parkeġġ li jinsab quddiem l-istess skola. Għaldaqstant huwa qal li t-tabelli li hemm bil-ħinijiet tal-iskola fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, kantuniera ma' Triq l-Isqof Pace, għandhom jitneħħew.

5.15.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 6.1. Rendikont finanzjarju – Villaġġ tal-Milied 2022 (A/5/6/3/Vol XVII)

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għar-rendikont sħiħ li tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta fejn jidher li:

| **Dħul** | **€** |
|---|---:|
| Skema tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali | 42,300 |
| Skema tar-Reġjun Tramuntana | 7,000 |
| *Sponsorship* | 1,317 |
| Total | **50,617** |

| | |
|---|---:|
| **Ħruġ** | 70,201 |

| | |
|---|---:|
| **Żbilanċ** | 19,584 |

| | |
|---|---:|
| **Baġit allokat mill-Kunsill** | 23,000 |

6.3. L-uffiċjal M. Gambin ġibdet l-attenzjoni li għall-limiti stabbiliti fil-liġi tal-akkwist ġew osservati, ikun aħjar jekk ir-rekwiżiti jiġu stabbiliti minn qabel sabiex issir sejħa għall-offerti li tiġbor kollox, jew parti sewwa mill-ħtiġijiet marbuta mal-avveniment.

6.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kkummenta li għalkemm il-proċedura ndikata fil-minuta 6.3. hija idejali, jiġri li l-affarijiet jibqgħu jinbidlu sal-aħħar.

6.5. Saret referenza għall-ċirkulari SPI/SCI/1/2023 datata 13 ta' Marzu 2023 dwar l-attivitajiet kulturali, li permezz tagħha l-Kunsilli jistgħu japplikaw għall-attività waħda li tista' tibbenefika minn għotja massima ta' €20,000. Din għandha tkun supplimentata da parti tal-benefiċċjarju b'minimu ta' 15% tal-għotja approvata.

6.6. Il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni għall-finanzjament għandha tkun fuq il-Villaġġ tal-Milied fil-Mellieħa 2023.

7.1. **Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella, illi tgħid:-**

**"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u**

**U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 45, 46 u 47, kif ukoll saret laqgħa tal-lokalità għar-residenti, skont ma jitlob l-imsemmi Att;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2023, skont l abbozz finali mressaq.". (F/1/34)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet unanimament wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

**"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill; u**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2022 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2022, kif deskritt fil-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2022, l-impjegati eliġibbli, għandhom jitħallsu *performance bonus*, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f'Diċembru 2022, skont il-perċentwali ndikati fl-istess rapporti u soġġett għall-ftehim kollettivi fis-seħħ, kif ukoll skont ir-rata mogħtija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv.". (Wages)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier M. Abela.

**9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

9.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 24 ta'Marzu 2023. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.3. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash,* bejn it-3 ta' Frar u s-6 ta' Marzu 2023.

9.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-25 ta' Frar u l-24 ta' Marzu 2023.

9.5. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fis-7.20 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' April 2023 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |